# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1246

Kaz Nru. 1227

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Pace

u

MIB Holding

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 6 ta' Dicembru 2001

**Chairman : is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 9 ta' Marzu 1998 Referenza : MHS/TI/24/98 biex tigi processata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm dsatax-il (19) seduta.

Is-Sur Anthony Pace aktar il-quddiem jissejah l-appellant kien assistit mis-Sur Karmenu Vella Segretarju tal-Professionals and Services Section tal-General Workers' Union.

Is-Sur Joseph Cutajar, Managing Director tal-Kumpanija MIB Holding aktar il-quddiem jissejah il-kumpanija kien assistit mill-avukat Andrew Muscat.

## Dikjarazzjoni tal-Kaz

L-appellant fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu jghid li gie mkecci mill-impieg mal-kumpanija permezz ta' ittra iffirmata mis-Sur Joseph Cutajar, General Manager MIB Holding Company Limited datata 26 ta' Frar 1998.

L-ittra tghid illi is-Sur Pace minghajr gustifikazzjoni irrifjuta li jiffirma l-warning moghti lilu kif stipulat f'Artiklu 19 Dixxiplina (vi) tal-Ftehim Kollettiv ezistenti.

Is-Sur Pace jghid illi l-kumpanija m'applikatx il-procedura ta' Dixxiplina kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv ezistenti f'Artiklu 19. Ghalhekk in-notifika tal-warning li nghatat lill-appellant m'hiex valida minhabba li l-proceduri normali ta' dixxiplina qatt ma gew esegwiti u ghalhekk qatt ma gew konkluzi kif stipulat f'Artiklu 19 tal- Ftehim Kollettiv.

L-appellant jghid li l-Ftehim Kollettiv jistipula b'mod car li tkeccija mill-impieg tista' sseh biss wara li impjegat jinghata charge bil-miktub u jigi mixli bi "Gross Misconduct". Peress li l-kumpanija m'applikatx il-proceduri ta' Dixxiplina kif jghid il-Ftehim Kollettiv, it-tkeccija tal-appellant mill-impieg hija wahda ngusta u inaccettabbli u ghandha tigi dikjarata bhala nulla u li qatt ma sehhet.

Il-kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-Kaz taghha tghid illi s-Sur Anthony Pace gie mkecci mill-impieg tieghu nhar is-26 ta' Frar 1999 wara li rcieva tlett warnings bil-miktub u baqa jippersisti fl-attitudni ta' insabordinazzjoni

L-appellant fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu jghid li gie mkecci mill-impieg mal-kumpanija permezz ta' ittra iffirmata mis-Sur Joseph Cutajar, General Manager MIB Holding Company Limited datata 26 ta; Frar 1998.

L-ittra tghid illi s-Sur Pace minghajr gustifikazzjoni irrifjuta li jiffirma l-Warning moghti lilu kif stipulat f'Artiklu 19 Dixxiplina (vi) tal-Ftehim Kollettiv

L-appellant jghid ukoll li Ftehim Kollettiv jistipula b'mod car li tkeccija mill-impieg tista' ssehh biss wara li impjegat jinghata "charge" bil-miktub u jigi mixli bi "Gross Misconduct". Peress li l-kumpanija m'applikatx il-proceduri ta' dixxiplina kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv, it-tkeccija tal-appellant mill-impieg hija wahda ngusta u naccettabbli u ghandha tigi dikjarata bhala nulla u li qatt ma sehhet.

Il-kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha tghid illi s-Sur Anthony Pace gie mkecci mill-impieg tieghu nhar is-26 ta; Frar 1998 wara li rcieva tlett "warnings" bil-miktub u baqa' jippersisti f'attitudni ta' nsabordinazzjoni.

L-appellant isostni li qatt ma gie moghti charge bil-miktub kif stipulat fil-ftehim Kollettiv Artiklu 19, Dixxiplina fejn jghid, *"In all cases, the employee is to be issued with a charge in writing"*

Illi tkeccija mill-impjieg skond il-Fehim Kollettiv tista' ssehh biss wara li mpjegat jinghata charge bil-miktub u jigi mixli bi *"Gross Misconduct'* (Artiklu 19).

Illi f'kaz ta' Gross Misconduct irid jinstema' quddiem Bord ta' Dixxiplina *"Cases of Gross Misconduct shall be heard by a Disciplinary Board"* Ftehim Kollettiv pagna 13.

Illi fil-kaz tal-appellant il-kumpanija m'applikatx il-proceduri ta' dixxiplina kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv.

Il-kumpanija fid-Dikjarazzjoni tal Kaz tghid illi l-appellant gie imkecci mill-impieg nhar is-26 ta' Frar 1998 wara li rcieva tlett warnings bil-miktub u baqa' jippersisti f'attitudni ta' insabordinazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kumpanija ipprezentat numru konsidorevoli ta' dokumenti u gew ikwotati diversi Decizjjonijiet tat-Tribunal Industrijali, giet ikkwotata sentenza Ingliza Binns v W.J. Wass Court of Appeal (Civil divison) 1982 - ICR 468 u 1982 IRLR 283 tal-11 ta' Gunju 1982.

Is-Sur Joseph Cutajar Managing Director tal-kumpanija intimata fix-xhieda estensiva tieghu li hadet seba seduti semma diversi nuqqasijiet li kellu l-appellant ma tul iz-zmien li dam mal-kumpanija.

In-nuqqasijiet kif spiegat mis-Sur Cutajar huma tista' tghid ta' entita kbira li jinkludu sahansitra r-reputazzjoni tal-istess kumpanija. L-appellant hu bnediem ta' esperjenza fl-insurance business u ilu bosta snin sewwa f'karigi importanti. Gie esebit dokument li jelenka n-numru ta' kazijiet, negligenza (25 kaz), memos ta' warning bejn Jannar 1996 sa Frar 1998 (12 il-Kaz) incidenti ta' insabordinazzjoni kif ukoll numru ta' verbal warnings.

Sew is-Sur Ivan Muscat Assistant General Manager u Ms Antoinette Borg Insurance Broker xehedu li diversi dokumenti intbaghtu minnhom lill-appellant.

L-appellant xehed li gie terminat mill-impieg tieghu fis-26 ta' Frar 1998. Xahrejn wara beda jahdem ma kumpanija ohra b'salarju aktar gholi. L-appellant jghid li ma dahalx fil-meritu ta' kazi msemmija mill-kumpanija ghax sostna li t-tkeccija tieghu ma saritx skond dak li jghid il-Ftehim Kollettiv. Fis – sena 1996 il-kumpanija kienet imxiet mal-proceduri tal-Ftehim Kollettiv hatret Bord ta' Dixxiplina u l-appellant gie mghoti "Demotion"

L-appellant argumenta li l'esebiti li ghamlet il-kumpanija imorru lura qabel dan il-kaz fejn hu kien diga ha decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina intern.

Mill-provi mresqa mill-kumpanija l-appellant jidher li matul iz-zmien fl-impieg

ma kien xejn okkurat mal-pozizzjoni li kien jokkupa ta' Senior Broker. In-numru ta' kazijiet huwa allarmanti. L-appellant fis-sena 1996 gie dixxiplinat u gie "Demoted" Jirrizulta li l-kumpanija ma ghamlitx distinzjoni bejn qabel ma gie dixxiplinat u wara, l-appellant gie akkuzat b'kazijiet li kien diga ha dixxiplina dwarhom.

L-appellant ghamel il-kaz tieghu bazikament fuq dak li jghid il-Ftehim Kollettiv dwar in-nuqqas da parti tal-kumpanija li ma mxietx kif kien dmir li tghamel. Il-ftehim Kollettiv artiklu 19 Dixxiplina jispiega fid-dettal b'liema mod ghandu mpjegat jigi mghoti dixxipllina f'pagna 12 artiklu 19 (c) jghid, *"Cases of Gross Misconduct shall be heard by a Disciplinary Board"* u (c-i)jghid hekk, *"The maximum penalty for Gross Misconduct shall be dismissal"*.

It-Tribunal jara li meta hemm Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpanija u l-Union, iz-zewg nahat huma obligati li jimxu u josservaw dak li jghid il-Ftehim Kollettiv. F'dan il-kaz il-kumpanija tghid li l-imgieba tal-appellant kienet ta' insabordinazzjoni kbira, izda waqt li fis-sena 1996 imxiet mal-proceduri, fl-ahhar warbet kompletament dak li hi u l-union ftehmu u ffirmaw.

It-Tribunal fil-kunsiderazzjoniet tieghu jara li l-appellant kien jokkupa pozizzjoni gholja, b'dana kollu ma jistghax it-Tribunal iwarrab il-Ftehim Kollettiv u jieqaf fuq kif mexa l-appellant ma tul iz-zmien tul l-impieg tieghu. Zgur li kieku ittiehdu l-passi regolari l-kumpanija kien ikollha r-rizulatati necessarji.

Ghalhekk tali nuqqas fil-hajja ndustrijali ma jistghax jigi accettat. Il-Ftehim Kollettiv inkwistjoni jispiega car hafna kif ghandha tigi ezercitata d-Dixxiplina tant li jmur aktar il-boghod u f'artiklu `9 (f-I) insibu dan, *"There shall be a right of appeal against the disciplinary action taken"*

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina bir-reqqa kollha l-volum enormi ta'

xhieda u diversi dokumenti prezentati jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol u jiddikjara li t-tkeccija tal-appellant minn mal-kumpanija ma saritx ghal raguni gusta.

Ghandu jinghata kumpens ta' disgha mijja u hamsin lira Maltin (Lm950). Dan il-kumpens ghandu jinghata mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data tal-decizjoni.

Ghal fini ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986 it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull min assista fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**